**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 48

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 48 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar **il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2022, fil-5:30pm**. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 28 ta' Ġunju, 2022
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

| | |
|---|---|
| • Alfred Grima | Sindku |
| • Carlos Zarb | Viċi Sindku |
| • Alfred Bray | Kunsillier |
| • Anthony Angelo Attard | Kunsillier |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier |

Online

| | |
|---|---|
| • Paul Bugeja | Kunsillier |
| • Stephen Cremona | Kunsillier |
| • Mario Joseph Salerno | Kunsillier |

Skużati

| | |
|---|---|
| • Anthony Delia | Kunsillier |
| • Daryl Connor | Kunsillier |
| • Mary Borg | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| • Anne Marie Fenech | Kunsillier |
| • Christopher Vella Petroni | Kunsillier |

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**48.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Daryl Connor u Anthony Delia. Il-Kunsilliera ġdida Mary Borġ ġiet meqjusa skużata u ntalbet li tibgħat email uffiċċjali lis-Segretarju Eżekuttiv u mhux fuq WhatsApp.

**48.2 Tender**s

***48.2.1 Tender SPB/04/2021 Triq Cassarino Re-modelling of playground areas & open spaces.***

Is-Segretarju Eżekuttiv, Marico Sammut, ippreżenta r-rapport tal-Bord ta' l-Aġudikazzjoni li jirrakomanda li l-kumpanija J. Construction Ltd, li kellha l-irħas offerti kemm ta' Lot 1 kif ukoll Lot 2 tingħata x-xogħolijiet.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova r-rapport kif mogħqri.
Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Alfred Bray
Il-kunsill approva nem.con.

***48.2.2 Tender SPB/05/2021 Triq Toni Camilleri, Burmarrad Re-modelling of playground***

Is-Segretarju Eżekuttiv, Marico Sammut informa, li l-kumpanija li kienet rebħet it-tender - Urban Play Solutions ta' Lot 1 u li kienet aċċettat ix-xogħolijiet, infurmat lill-kunsill li ma għadiex interessata li twettaq il-proġett. Għaldaqstant, il-kumpanija Big Projects li rebħet l-offerta ta' Lot 2 u li kellha ukoll it-tieni l-irħas offerta f'Lot 1 ġiet mistiedna biex tagħmel ix-xogħolijiet ta' Lot 1 ukoll.

Minn naħa tiegħu l-avukat tal-kunsill ma kienx tal-parir, li l-kunsill jiftaħ każ legali biex jimponi penali meta s-sejħa pubblika ma tispeċifikax b'mod ċar f'każi simili.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova li l-kumpanija Big Projects twettaq ix-xogħolijiet ta' Lot 1 ukoll.
Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Il-kunsill approva nem.con.

***48.2.3 Tender SPB/03/2021 abbinati mat-tranġar tal-gallarija ta' Triq San Franġisk.***

Bħala punt ta' informazzjoni s-Sindku nforma, li għalkemm il-kunsill rebaħ l-appell imressaq mill-kumpanija LBV, xorta waħda l-kunsill kellu jistenna 20 jum sħaħ, sal-5 ta' Lulju 2022, biex l-appellant ikolli d-dritt li jappella d-deċiżżjoni meħuda kontra tiegħu fl-appell li ressaq.

***48.2.4 Tiżjin ta' toroq u dekorazzjonijiet tal-Milied***

Is-Sindku Alfred Grima informa li jeħtieġ li l-kunsill joħroġ mill-ġdid id-diversi tenders marbuta mat-tiżjin tal-Milied li waslu biex jiskadu. Dan apparti tender wieħed li ħareġ riċentament. Ippropona ukoll, li l-kunsill japprova l-ħruġ ta'sejħa pubblika għal xiri u/jew kiri ta' dekorazzjonijiet tal-Milied sa massimu ta' €15,000, skond dak deċiż mill-kunsill fil-laqgħa numru .....Possibilment jinxtraw siġar tal-Milied li jaħdmu bis-solar.
Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Il-kunsill approva nem.con.

***48.2.5 Tender SPB/02/2021 Bankini Tender for paving and ancillary works***
Is-Sindku fakkar li l-kumpanija LBV, li kienet l-uniku li uriet interess u tefgħt offerta, kienet għamlet rikjesta mal-kunsill biex jiżdiedu r-rati tat-tender inkella ma jiffirmawx il-ftehim. Filwaqt li l-kunsill approva li jagħmel tajjeb għad-differenza fil-prezz tal-materja prima kemm il-darba dan ikun konformi mal-liġijiet finanzjarji, LBV bagħtu prezzijiet għola li ma jinkludux biss spejjeż marbuta ma materja prima. Dan ġie kkonfermat mill-perit tal-kunsill EMDP.

Għaldaqstant is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li taħseb biex il-kunsill ma jaċċettax il-prezzijiet ġodda li l-kumpanija LBV bagħtet lill-kunsill u jinforma lill-istess kumpanija li se jinħareġ tender ġdid.
Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja.
Il-kunsill approva il-mozzjoni nem.con.

**48.2.6** ***Tender SPB/01/2022 Supply of a Low Emission, Second- Hand Van With Tail Lift***
Bħala punt ta' informazzjoni l-kunsill ġie nfurmat li għalaq iż-żmien li wieħed seta' jitfa offerta. Żewġ kumpaniji urew interess u ssottomew offerta. Fil-jiem li ġejjien dan it-tender se jiġi aġġudikat.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-17.50 u aġġornata għal 21 ta' Lulju 2022 fil-17.30

**Approvati fil-21 ta' Lulju, 2022**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |